KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 6/24**

22 t' Ottubru 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Nadine Micallef - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Is-Sur Vincent Bongailas, Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**5.24.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

5.24.1.1 Is-Sur Vincent Bongailas informa li ma jistax jattendi għax ser ikun imsiefer u għalhekk ġie skużat.

**5.24.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

5.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 4.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

5.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sa Maria Sultana il-minuti ta' seduta 4.24 ġew approvati unanimament.

5.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**5.24.3** **Punti mill-Minuti**

3.24.4.1. **Sitwazzjoni Finanzjarja**

Is-Sindku reġa' fakkar l-importanza bl-assistenza finanzjarja li ġiet mogħtija mid-Diviżjoni ta' Gvern Lokali li għenet sabiex jitnaqqas id-dejn tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku iddiskuta wkoll il-kwistjoni tal-iskart għal rigward id-diskrepanzi fit-tunellaġġ miġbur fil-lokalita` matul dawn l-aħħar xhur. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku talab laqgħa b'urġenza mar-Reġjun Port sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rattifikata kemm jista' jkun malajr. Madanakollu, is-sitwazzjoni tidher li baqgħet li l-istess.

Għalhekk il-Kunsill iddiskuta din is-sitwazzjoni matul il-laqgħa preċedenti u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jissospendi l-ħlasijiet tal-iskart sakemm ir-Reġjun jieħu azzjoni.

Meta r-Reġjun ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kunsill, il-President tar-Reġjun informa lill-Kunsill li f'każ li l-Kunsill ma jħallasx il-kontijiet pendenti, huwa ser jagħti struzzjoni u jwaqqaf il-ġbir tal-iskart mill-11 ta' November 2024. Is-Sindku qara l-korrispondenza li kellu bejnu u bejn il-President tar-Reġjun fuq dan ir-rigward kif ukoll spjega kif taħdem is-sistema kien jiġi rrekordjat it-tunnellaġ tal-iskart permezz taċ-chits.

Il-Kunsill b'ebda mod mhux ser jaċċetta li l-ġbir tal-iskart jieqaf kif kien indika l-President tar-Reġjun.

Is-Sindku ta' rendikont tal-ammont ta' skart miġbur ta' din l-aħħar sena u għamel komparażi bejn il-lokalita` ta' Bormla, lokalita` li għandha popolazzjoni akbar mill-Kalkara. Madanakollu, skont il-figuri li ppreżentati mis-Sindku, irriżulta li l-Kalkara qed ikollha tunnellaġ aktar minn Bormla avolja l-Kalkara għandha anqas popolazzjoni minn Bormla. Aparti minn hekk, f'dawn l-aħħar 5 xhur, il-Kunsill kien ħa miżuri addizzjonali biex inaqqas il-ġbir ta' skart li jsir mill-kuntrattur. Għalhekk, il-Kunsill ma jistax jaċċetta sitwazzjoni fejn irid iħallas aktar milli fir-realta` qed jiġabar inqas.

Is-Sindku ġab eżempju ieħor dwar id-diskrepanzi fuq il-ġbir. F'Settembru 2023, ir-Reġjun bagħat *invoice* tax-xahar rispettiv fejn it-tunellaġġ li nġabar kien jammonta għal 85.6 tunellata. Filwaqt li sena wara, Settembru 2024, il-Kunsill irċieva kont tal-iskart fejn it-tunellaġġ miġbur kien ta' 68 tunellata, diskrepanza ta' kważi 20 tunellata inqas mis-sena l-oħra.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda li l-*invoice* ta' Settembru 2024 għandu jitħallas għaliex l-ammont huwa wieħed raġonevoli.

Is-Sa Sultana rrimarkat illi l-Ħadd li għadda hija nnutat vettura tal-iskart jiġbor fit-toroq tal-Kalkara u staqsiet jekk dan hux qed jirrifletti fuq piż li jinġabar matul il-ġimgħa u s-Sibt. Is-Sindku spjega li din il-vettura tiġi tiġbor il-Ħadd tkopri l-istabbilimenti ġewwa l-Kalkara u ma hemmx relazzjoni mal-ġbr li jsir matul il-ġimgħa u s-Sibt.

### 3.24.4.2 Servizz ta' Trasport għar-Residenza ta' San Vinċenz De Paul

Mill-ewwel reazzjoni, is-Sindku qal li s-servizz ta' trasport għar-Residenza ta' San Vinċenz De Paul kienet wieħed pożittiv. Filfatt, l-ewwel ġurnata meta nbeda s-servizz, il-van kien mimli kollu u naqas bi ftit il-ġimgħa ta' wara.

### 4.24.4.2 Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara

Kif jaf tajjeb kulħadd, il-xogħol infrastrutturali ġewwa l-Xewkija, il-Kalkara tlesta inkluż is-sinali tat-toroq u l-postijiet tad-dgħajjes. Skont it-tfassil u tqassim tal-postijiet għad-dgħajjes, il-Kunsill Lokali irnexxilu joħroġ 107 kaxxa/spazju.

Għalhekk intbagħtet ittra lis-sidien tad-dgħajjes li ġew magħżula biex ipoġġu d-dgħajsa tagħhom. Dawn is-sidien kellhom sat-18 t' Ottubru 2024 sabiex jiġu l-Kunsill Lokali u jissotomettu l-applikazzjoni li jinkludi wkoll ħlas amministrattiv u garanzija f'każ li jkun hemm ksir fit-termini u kundizzjonijiet. Filfrattemp, il-Kunsill għadu qiegħed jagħmel xi tibdiliet żgħar fil-qisien tal-kaxxi biex jakkomonda dawk li ġew magħżula. Sal-lum, minn 107 kaxxa ġew irreġistrati 99 kaxxa. Fadal xi ftit kaxxa li ġew irtirati u oħrajn li ma ġewx il-Kunsill sabiex jirreġistraw u li dawn tal-aħħar ġew infurmati wkoll b'telefonata sabiex jara jekk għadhomx interessati.

Wara mistoqsija tas-Sa Sultana fuq is-sajjieda li għandhom id-dgħajsa tagħkom fiż-żona tax-Xewkija, is-Sindku nfurmaha li s-sidien tad-dgħajjes reġistrati bħala MFA (sajjieda full-time) u MFB (sajjieda part-

time), ġew eżentati li jagħmlu l-ħlas amministrattiv iżda ġew mitluba biex iħallsu l- garanzija minħabba xi ħmieġ jew ħsarat li jistgħu jagħmlu.

Saret mistoqsija oħra mingħand is-Sa Chircop dwar it-twaħħal tal-puggaman tal-istainless steel li kien imwaħħal qabel il-proġett ħdejn il-knejn l-isfar. Is-Sindku nformaha li dan ser jerġa' jitwaħħal fil-ġranet li ġejjin.

3.24.4.3 **WhatsApp Group għar-Residenti**

Fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil li jinħoloq WhatsApp Group għar-residenti Kalkarizi. Is-Sindku nforma li dan is-servizz ser jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 2024.

3.24.5.1 **Tender dwar iż-Żamma tal-Ġonon u Soft Areas**

Is-Sindku qal li l-kuntrattur il-ġdid ser jibda jopera min-nhar il-Ġimgħa 1 ta' Novembru 2024.Irringrazzja wkoll il-kuntrattur preċedenti tax-xogħol li għamel tul l-aħħar snin.

**5.24.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

5.24.4.1 **L-avveniment 'Jum il-Kalkara'**

Bħal kull sena, fl-10 ta' Diċembru ser jiġi organizzat l-avveniment ta' Jum il-Kalkara li fih jingħata Ġieħ il-Kalkara lill-persuni nominati mill-pubbliku.

Għal dan l-avveniment, matul il-ġurnata ser issir quddiesa bħala radd il-ħajr u jiġu mistiedna l-pubbliku, organizazzjonijiet u għadqiet lokali. Wara l-quddies, il-Kunsill ser jagħmel ċerimonja u jingħata Ġieħ il-Kalkara lill-persuna li tkun intgħażlet mill-Kunsill. FL-istess jum, il-Kunsillieri ser jorġanizżaw attivitajiet skont id-dekasteru tagħhom.

Matul din il-ġimgħa, il-Kunsill ser joħroġ is-sejħa għan-nominazzjoni għal Ġieħ il-Kalkara. Fl-aħħar ta' Novembru 2024, il-Kunsill ser jiltaqa' u jagħżel il-persuna li ser tingħata dan il-ġieħ.

Is-Sindku ppropona tibdil f'parti mir-regolamenti fin-nominazzjonijiet ta' Ġieħ il-Kalkara li titratta l-eleġibilita` tal-persuni. Bħalissa r-regolamenti jitolbu li sabiex residenti l-Kalkara ikun eleġibbli, dan irid ikun irrisjeda l-Kalkara mhux inqas minn 10 snin. Huwa qiegħed jipproponi li minn 10 snin għandu jiġi ridotta għall-5 snin biex ikun ammont bilanċjat u fttwali għal dawk li jkunu taw sehemhom lill-kommunita`.

Il-Kunsill umanimanemt qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser jiġu aġġornati r-reġolamenti.

5.24.4.2 **Attivita` 'Clean Up'**

Id-Diviżjoni tal-Gvern Ċentrali ħareġ skema dwar it-tindif ta' toroq. Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara applika għal din l-iskema bit-tema ta' Clean Up Day b'mod konġunt mar Reġjun Port. Id-Diviżjoni laqgħet l-applikazzjoni u għalhekk il-Kunsill kien pjana li ssir din l-attivita` għall-aħħar ta' Settembru 2024. Madanakollu, minħabba mpeni relatati taż-żona tax-Xewkija, il-Kalkara,il-Kunsill kien kostrett imexxi d-data ta' din l-attivita għall-aħħar t' Ottubru 2024. Min din l-iskema il-Kunsill beħsiebu jutilizża li fondi tal-iskema b'materjal għat-tindif matul l-attivita` kif ukoll jinxtaw bins li ser jitwaħħlu f'toroq li ġew iddentifikati.

5.24.4.3 **Il-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

L-Artikolu 50 tal-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li l-Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Għalhekk il-Kunsill idduskuta din il-materjal u ppropona li tiġi nnominata lis-Sa Graziella Gellel li bħalissa hija sservi bħala Segretarju Eżekuttiv fl-lokalita` oħra.

Il-Kunsill unanimament qabel li tiġi nfurmata s-Sa Gellel b'din id-deċiżjoni.

3.24.9.1 **Seabin**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' qajjem il-materja tas-seabin minħabba li dan għadu ma ġiex installat. L-inġinier tal-Enemalta talab lill-*electrician* tal-Kunsill sabiex jagħmel kaxxa (*outdoor box*) ħdejn il-kaxxa tal-Enemalta li tissuplixxi d-dawl il-fanali tax-xatt. Ġol kaxxa ġie mitlub li jitwaħħal meter tad-dawl u *circuit breaker* (salvavita) appożitu. Għalhekk ser ikun hemm spiża addizjonali ta' €800. L-ispiża totali ser tkun ta' €2,300.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li b'din l-ispiza, is-seabin ma għadux viabbli li jitwaħħal tant u tant li kull xahar trid titħallas l-kera tal-meter apparti ħsarat li jista' jġarrab matul is-sena. Madanakollu, is-Sa Chricop saħqet li dan għandu jerġa' jitwaħħal għax il-fondi biex inxtara kien ġew miċ-ċittadini. Is-Sindku intervjena u qal li ikun tajjeb li l-Kunsill ikun konxju tal-ispejjeż li qed isir fuqu.

5.24.4.5 **Proġett - Vjal Kulħadd**

Ftit ġimgħat ilu, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrustructure Malta fejn ġie diskuss il-proġett ta' Slow Streets. Dan il-proġett jikkonisti f'riġenerazzjoni ta' toroq li fih jagħti aktar attenzjoni għall-bankini u karreġjata għaċ-ċiklisti u triq aktar sikura. Is-Sindku semma' li triq simili bħal ma qiegħed jiġi propost hija taċ-Ċawsli, iż-Żejtun.

Matul id-diskussjoni flimkien mal-Kap Eżekuttiv, ġie propost li tinbena bankina u kareġġjata tar-roti li tibda minn Triq Santa Liberata u tibqa' sejra sa Triq Missjoni Taljana qabel tibda niżla ta' għall-bajja ta' Rnella.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta u għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni sat-30 t' Ottubrui 2024.

5.24.4.6 **Kawża fit-Tribunal Reviżjoni Amministrattiva**

Is-Sindku informa l-Kunsill li fil-11 ta' Novembru 2024, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew inġunti biex jixhdu fuq kawża li fetaħ persuna wara li t-Transport Malta ma laqgħatx it-talba għall-parkeġġ personalizzat riservat.

5.24.4.7 **Latrini Pubbliċi ġewwa x-Xatt**

Mal-ftuħ tal-latrini l-ġodda ġewwa x-Xatt, il-Kunsill iddentifika ħaddiem mill-Kunsill Lokali sabiex jieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq tagħhom inkluż il-weekend. Madanakollu, inħasset il-ħtieġa li toħroġ espressjoni ta' nteress.

**5.24.6 <u>Korrispondenza</u>**

5.24.6.1 **PA03157/14 – Titjieb fil-Faċilitajiet tat-Tankijiet taż-Żejt ġewwa Ricasoli**

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Awtorita` tal-Ipjannar li daħlet applikazzjoni għat-tijieb fil-faċilitajiet tat-tankijiet taż-żejt fuq il-Fort Ricasoli.

Il-laqgħa tal-Awtorita` tal-Ippjanar hija skedata għas-7 ta' Novembru 2024. Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali tal-Kalkara ser ikun parti mill-Bord li jiddeċiedu fuq dan il-permess.

Matul l-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsilliera iddiskutew l-applikazzjoni li ġiet sottomessa mal-Awtorita` tal-Ipjannar u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali, f'isem ir-residenti ma jaqblux li għandhom jiġu aġġornati. għaliex bħala prinċipju, dawn għandhom jitneħħew u mhux jiġu aġġornati.

Fuq proposta ta' Sa Maria Sultana sabiex jitħares l-interess tar-residenti, il-Kunsill unanimament qabel li ivvota kontra din l-applikazzjoni.

5.24.6.2 **Konsultazzjoni Pubblika dwar ir-Reviżjonijiet fuq il-Pjanijiet Lokali**

Il-Kunsill Lokali irċieva dokument mingħand Awtorita` tal-Ipjannar li jitratta proposti fuq tibdil u reviżjoni tal-Pjanijiet Lokali (Local Plans). Il-Kunsill Lokali jista' jissottometti l-opinjoni tiegħu.

Wara li l-Kunsill ra l-lista tal-proposti, ikkonkluda li dawn il-pjanijiet lokali ma jaffetwawx il-Kalkara.

5.24.6.3 **Talba għal Twaħħil ta' Lapida Għall-Persuna li Miet fil-Kalkara**

Ftit ġimgħat ilu, kienet mietet persuna fil-baħar viċin il-moll tax-Xewkija l-Kalkara.

Il-qraba tal-persuna xtaqu li jwaħħlu lapinda mal-ħajt ta' ħdejn il-moll. Il-Kunsill ippropona li minflokk lapida jitwaħħal bank mall-passaġġ bi plakka żgħira li tfakkar il-mejta tal-persuna jew titpoġġa sigra ġo pott bl-istess messaġġ.

Filfrattemp is-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekja ma' Infrastructure Malta jekk tistax titwallal lapida mal-ħajt tax-xatt.

5.24.6.4 **Twinning ma' Provinċja ġewwa Belt fiċ-Ċina**

Il-Kunsill Lokali irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal dawk il-Kunsill Lokali li huma nteressati jagħmlu twinning mal-provinċja ta' Shanxi fil-Belt ta' Taiyuan, iċ-Ċina.

Il-Kunsill wera nteress għal dan it-twinning u ser jissottometti l-interess tiegħu.

**5.24.7** **Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

5.24.7.1 Is-Sa Speranza Chircop

5.24.7.1.1 Is-Sa Chricop kitbet lis-Sur Michael Parnis, konsulent ma' Transport Malta sabiex issir reviżjoni tat-trasport pubbliku ġewwa l-Kalkara.

5.24.7.1.2 Is-Sa Chircop qed titlob li ssir konsultazzjoni pubblika man-nies li jagħmlu użu mit-trasport pubbliku inklu it-trasport fuq il-baħar.

5.27.7.1.3 Is-Sa Chircop issuġerit li l-Kunsill iżomm *database* tal-anżjani bl-għan li din l-informazzjoni tintuża għal meta jkunu ser jiġu organizzati attivitajiet bħal *line dancing, crafts*, eċċ.

5.27.7.1.4 Is-Sa Chircop infurmat lill-Kunsill li kiteb lill-Eċċellenza tagħha, s-Sa Miriam Spiteri Debono biex fis-serata ta' Jum il-Kalkara ssir żjara fil-Palazz tal-President.

5.27.7.1.5 Is-Sa Chircop infurmat li matul ix-xahar t'Ottubru 2024 hija organizzat ħarġa fir-Riserva Naturali. Żiedet tgħid li f'Novembru 2024 hija ser tagħmel ħarġa kulturali.

5.27.7.1.6 Is-Sa Chircop infurmat li fit-13 ta' Diċembru 2024 ġej il-Mobile Blood Collection Unit-Vehicle u ser ikun stazzjonat ix-xatt.

5.24.7.2 Is-Sa Maria Sultana

5.24.7.2.1 IS-Sa Sultana għamlet laqgħa mal-iSchool Council fejn tkellmu dwar Jum il-Kalkara u esprimew ix-xewqa li jieħdu t-tfal tal-iskola ġewwa lforti tar-Rnella.

5.24.7.2.2 Is-Sa Sultana ser tikkordina mal-Kappillan sabiex issir il-quddiesa f'Jum il-Kalkara.

5.24.7.2.3 Is-Sa Sultana tkellmet ukoll dwar xi attivitajiet li jistgħu jsiru ġewwa x-Shoreline f'Jum il-Kalkara.

5.24.7.3 Nadine Micallef

5.24.7.3.1 Il-Perit Micallef semmiet il-proġett bl-isem ta" Vjal Kulħadd li ġie diskuss akyar kmieni waqt il-laqgħa. Il-Perit Micallef tat aġġornament fuq it-tabella li ser titwaħħal fid-daħla tal-Kalkara u qiegħed jiġi diskuss il-post eżatt fejn għandha titwaħħal u kif ser tiġi sulpita d-dawl biex tixgħel.

5.24.7.3.2 Dwar id-Dog Park, il-Perit Micallef qalet li għadha qed tistenna mill-Awtorita tal-Artijiet b'indikazzjoni ċara fejn għandu jsir. S'issa qiegħed jindika li l-arti tista' tkun fejn hemm iċ-ċumnija.

5.24.7.3.4 Il-Perit Micallef qalet li l-vouchers tal-cat feeder tqassmu.

5.24.7.3.5 Għal rigward ta' Villa Portelli, il-Perit Micallef qalet li qed tistenna risposta mingħand il-Perit li jispeċjalizza fuq ir-restawr tal-binjiet simili ta; Villa Portelli. Wara jrid jiġi mfssal id-disinn ħalli nkunu nistgħu nipproċedu għal ħruġ tat-tender.

**5.24.8 Punti Ġenerali**

5.24.8.1 Is-Sa Chircop talbet sabiex isir tiżjin tal-Milied (fairy lights) max-Xatt u Pjazza Sagra. Is-Sindku nforma li huwa personalment bagħat imejl li xi Ministru għall-assistenza. Huwa rikeb fuq il-fatt li l-proġett tax-Xatt tlesta u għalhekk ikun ideali li dan jiġi mżejjen.

5.24.8.2 Is-Sa Chircop staqsiet dwar l-installazzjoni tal-kameras tax-xatt. Is-Sindku qal li l-kameras tas-sigurta qegħdin joperaw u jonqos in-network connection ħalli jiġu viżibbli fuq il-monitors li ġew installati ġewwa l-Kunsill Lokali.

5.24.8.3 Is-Sa Sultana staqsiet dwar x'sar fuq l-ammont ta' ħadid li baqa' tiela ġewwa l-iscrapyard. Is-Sindku informa li din il-kwistjoni tressqet quddiem l-Awotrita tal-Ippjanar.

5.24.8.4 Is-Sa Sultana staqsiet dwar jistax jiġi nstallat fanal fi Triq Rnella. Is-Sindku għamel kuntatt mal-Enemalta ħalli jiġi stabbilit x'tip t a' dawl jista' jiġi nstallat sabiex jikkumplementa ma' din it-triq.

5.24.8.5 Is-Sa Sultana staqsiet dwar ir-roundabout qabel it-telgħa ta' Villa Portelli. Is-Sindku qal li qiegħed jiċċekja mal-entita kkonċernata jekk jistgħux jagħmlu xi bollards mad-dawra tal-istess roundabout.

**5.24.9** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

M kienx hemm.

**5.24.10** **Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**5.24.11** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Speranza Chircop ssekondata mis-Sa Nadine Micallef, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fit-8.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2024, fil-5.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 12 ta' Novembru 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**